# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Numru 2722

Kaz Nru: 3390/15/AM

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anna Grixti (484559M)

u

Dar il-Kaptan

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip.Tax (MIT)**

**Illum il-Gimgha 12 ta' Marzu, 2021**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Anna Grixti li permezz tieghu talbet sabiex dan it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija taghha ma kinitx gusta u jaghti dawk l-ordnijiet kollha li dan it-Tribunal joghgbu opportun fic-cirkostanzi u skond il-ligi.

Illi r-rikorrenti qed tibbaza t-talbiet taghha ai termini tal-Artiolu 75 tal-Att XII tas-sena 2002.

**Illi qed tibbaza t-talbiet taghha fuq li gej:**

Li hija kienet impjegata ma' Dar il-Kaptan ghal kwazi erbatax-il sena bhala Care Worker cioe' tiehu hsieb il-klijenti tal-istess Dar;

Li l-impjieg taghha gie terminat fl-20 ta' Mejju 2015 wara process ta' dixxiplina nterna presjedut minn Jennifer Sant fit-18 ta' Mejju 2015.

Li fit-8 t'April 2015 hija nghatat twissija bil-miktub valida ghal sena ghall-avvenimenti li sehhew fid-19 ta' Marzu 2015 ghal dawn ir-ragunijiet:

Li fid-19 ta' Marzu 2015 hija ma nfurmatx lis-Senior Care Worker li kienet on call li skont int filghodu kontu b'Care Worker nieqsa;

Baghat lil Michelle Xuereb id-dar minghajr ma tajtha l-medicina ta' filghodu. Dan wassal f'imgieba aggressiva tal-istess klijenta;

Meta ommha waslet Dar il-Kaptan biex tigbor lil Michelle ma gietx infurmatha li bintha ghadha ma haditx il-medicina.

Illli wara li nghatat din it-twissija bil-miktub hija giet sospiza permezz t'ittra datata 13 ta' Mejju 2015 b'referenza ghal dan l-incident wara lment li dahlet Mrs Xuereb. Ir-rikorrenti tghid li quddiem il-bord ta' dixxiplina nterna hija spjegat li dakinhar fid-19 ta' Marzu 2015 hija kienet xoghol u kienu short-staffed u minflok erbgha kienu tlieta Care Workers u li kien hemm hafna xoghol pero' rigward Michelle Xuereb hija ma setghetx tiftakar li kelmet lil ommha meta giet ghal bintha Michelle u li l-istess tifla ma kinitx aggressiva u li dan ma kienx l-ewwel darba li minhabba cirkostanzi varji l-medicina ta' filghodu ma nghatatx fil-hin.

Illi dan l-incident ma kellu ebda konsegwenza fuq Michelle Xuereb u li gara ma kienx tort taghha, u li minkejja dan Dar il-Kaptan itterminat l-impjieg taghha u tefghet ir-responsabilita' kollha fuqha.

**<u>Risposta tad-Dar Intimata</u>**

Fir-risposta taghha Dar il-Kaptan eccepiet li hija kecciet lir-rikorrenti ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi; li r-rikorrenti ma kellhiex attitudni tajba fuq il-post tax-xoghol, instabet hatja wara proceduri dixxiplinarji ta' agir mhux skond l-etika u l-obbligi taghha fuq il-post tax-xoghol u li l-atteggjament in generali tar-rikorrenti jkun deskritt mix-xhieda wkoll u annetta r-rapport tal-Amministratur tal-intimati u r-rapport tal-Bord ta' Dixxiplina li jikkonferma l-fatti materjali.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Li rrizulta li r-rikorrenti tghid li hija kienet impjegata bhala Care Worker ma' Dar il-Kaptan. Mill-employment history sheet tal-Jobsplus jirrizulta li r-rikorrenti kienet impjegata mall-Foundation for Respite Careworkers fuq bazi full time mis-27 ta' Dicembru 2005 sal-21 ta' Gunju 2015 bhala Support Worker u fil-frattemp jirrizulta li kellha wkoll impjieg part-time band'ohra.

Li fit-8 t'April 2015 hija nghatat twissija bil-miktub dwar l-incident tad-19 ta' Marzu 2015 valida ghal sena.
Wara dan l-amministratur Joseph Gerada kompla jsegwi l-kaz u kkuntattja lill-omm it-tifla u qaltlu li meta marret ghat-tifla ma tawhiex il-kaxxa tal-medicini tat-tifla u r-

rikorrenti qaltilha imbaghad nibghatuhielek jew ejja ghaliha u wkoll li t-tifla ma kinitx libsa sew. Ir-rikorrenti cahdet li kienet hi izda meta urewha l-filmat fuq is-CCTV bidlet il-verzjoni. Li minhabba f'hekk ir-rikorrenti ma setghetx tigi fdatha izjed.

Li fit-13 ta' Mejju 2015 hija giet infurmata li omm it-tifla ghamlet rapport u r-rapport 'highlights that you went against principles and policies of Dar il-Kaptan' u li ser tigi sospiza 'until further notice' u wkoll biex tirraporta f'Dar il-Kaptan it-Tnejn 18 ta' Mejju 2015 fid-9am.

Fix-xhieda tieghu Joseph Gerada Amministratur Dar il-Kaptan fol 27 et xehed li r-rikorrenti kienet tahdem bhala Care Worker ma' Dar il-Kaptan u kienet ilha hemm sitt snin kemm ilu hemm hu zgur; li dar il-Kaptan tiehu hsieb taghti respite lill-genituri ta' tfal bi bzonnijiet specjali; li hija kienet qed tipperformja tajjeb tant li huwa kien saqsiha biex tkun Key Care Worker izda wara ma baqghetx ghax ma bdietx tipperformja tajjeb u ma baqghetx Key Care Worker. Kemm-il darba kellu lmenti dwar li l-vettura giet milquta kemm-il darba, u mkissra, rqad matul in-night shifts, l-mod kif tkellem lill-klijenti u kif tiddilja u titkellem mall-istaff. Warnings bil-miktub qatt ma ta pero' kien jigbdilha l-attenzjoni biex titghallem mill-izbalji. Dwar il-kaz huwa jammetti li l-Care Workers kienu qalulu li ghax kienu short of staff ma tawhiex il-medicina u meta saqsihom ghaliex ma nfurmawx lis-Senior on call izda x-xhud ma jsemmi xejn dwar ir-reazzjoni taghhom ghal din id-domanda. Gerada jghid li omm it-tifla meta haditha fil-karozza ndunat li mill-kaxxa kien hemm medicina nieqsa. Huwa ta verbal warning lil min kien xoghol dakinhar talli ma cemplux lis-Senior Care Worker li kienu bin-nieqes, talli ma tawx il-medicina lil Mchelle u talli lanqas ifnurmaw lil omm it-tifla li ma tawhiex il-medicini. Izda l-verbal warning ma ffirmawhx ghax ma accettawhx.

Wara kompla jsegwi l-kaz u omm it-tifla fethet qalbha mieghu u qaltlu li t-tifla ma qalulhiex li ma tawhiex il-medicina, li talbithom tazza ilma meta kienet fil-gate biex taghtiha l-medicina ghax beda jaghtiha t-tantrum, u li meta saqsiet lir-rikorrenti ghall-medicina nieqsa li sabet hija qaltilha imbaghad nibghatuhielek jew ejja ghaliha. Ir-rikorrenti cahdet dan u nqabdet mill-filmat tas-CCTV camera. Ghalih l-kaz huwa gravi ghax ir-rikorrenti riedet tahbi li ma taghtiex il-medicina u li dan seta' kellu konsegwenzi serji fuq it-tifla. L-omm spjegatli li kieku ma nghatatx il-kaxxa tal-medicini tat-tifla hija ma kinitx tinduna li ma tawhiex il-medicini u t-tifla kienet taghmillha tantrum id-dar u hija kienet tibqa' ssaqsi minn fejn gej dan it-tantrum. Huwa xehed ukoll li quddiem il-Bord ta' Dixxiplina hija kienet assistita mill-union taghha u anke minn Avukat.

In kontro-ezami fol 55 et Joseph Gerada spjega li Key Care Worker mhiex promotion imma jkollha shift differenti. Huwa cahad li kien imqabbad maghha u spjega li meta r-rikorrenti fis-sena 2014 kisret saqajha huwa ghena kemm billi approva li jaghtiha l-

leave kollu meta spiccalha s-sick leave u anke offrielha li jaghtiha l-paga bil-quddiem izda hija rrifjutat. Fil-file taghha hemm li torqod waqt in-night shift, taghmel ta' rasha meta n-night duties isiru qabel it-8.30pm meta mhux suppost, kien hemm zewg zbalji ohra ta' medicina li saru fis-sena 2014.

Dwar l-incidenti in kwistjoni kienet s-Senior li qaltu b'dan l-incident u huwa kellem lit-tlett Carers li kienu xoghol dak il-lejl u tawhom warning ghax ma nfurmawx lill-parents li ma kellhomx cans jaghtu l-medicina u ghax ma cemplux lis-Senior li kienu short of staff kif kienet il-policy tad-Dar. Huwa hareg charge lit-tlett Carers. Meta wara cempel lil Mrs Xuereb hija lmentat mieghu u qaltlu x'gara dakinhar u qallha biex taghmel l-ilmenti taghha bil-miktub u hekk ghamlet. Huwa fittex fis-CCTV u deher car li l-omm qed tqalleb fil-basket u ma sabitx. Dehret ir-rikorrenti diehla fid-dining room u gabitilha n-nomad box u taghtielha. Id-diskors ma johrogx car mis-CCTV izda setgha jiddeduci dak li ntqal minn zewg affarijiet – ir-rapporti kollha tar-rikorrenti u l-onesta ta' Mrs Xuereb li ilha klijenta ta' Dar il-Kaptan ghal hamsa u ghoxrin (25) sena.

Ra x-xhieda ta' Jacqueline Catania Galea fol 35 et li spjegat li l-medicina tigi preparata mill-parents go nomad boxes fil-presenza tas-Senior Care Worker, tigi ssigillata quddiem il-parents u imbaghad il-Care Workers jaghtuha dejjem bejn tnejn u qatt persuna wahedha. Hija tghid li fil-bidu ma kienx hemm ilmenti fuq ir-rikorrenti izda mbaghad bdiet torqod bil-lejl meta suppost qieghda xoghol u dan huma jikkostatawh mis-CCTV camera li ghandhom fuq il-post tax-xoghol.

Xehdet ukoll Josephine Xuereb omm it-tifla in kwistjoni u tuza s-servizz ta' Dar il-Kaptan minhabba li t-tifla ghandha dizabilita' u ilha tuzah ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena. Hija spjegat li dahlet lit-tifla overnight fit-18 ta' Marzu 2015 u marret ghalija fl-ghaxra ta' filghodu (10am) kif taghmel is-soltu u meta dahlet ir-rikorrenti taghti l-hwejjeg tat-tifla u fil-frattemp indunat li t-tifla qisha ma kinitx qed timxi sew u rrangatilha l-gakketta u dak il-hin hasbet li t-tifla kienet hyper ghax ma kinitx bhas-soltu. Hija spjegat ukoll kif it-tifla ma kinitx liebsa sew ghax kellha l-qalziet ta' fuq below her tummy u l-panty kien above the knee. Dak il-hin hija hasbet li hija liebsa hekk ghax it-tifla forsi hyper. Meta saqsiet lir-rikorrenti ghall-kaxxa tal-pilloli r-rikorrrenti qaltilha mbaghad intuhielek nibghatuhielek jew ejja ghaliha. Ix-xhud qaltilha li l-kaxxa tridha ghax mhux ser toqghod terga' tmur ghaliha u r-rikorrenti marret ghaliha u taghtielha. Fil-karozza fethet il-kaxxa u rat li l-pillloli li t-tifla kien imissha tiehu fl-ghaxra ta' filghodu (10am) kienu ghadhom hemm. Dawn huma mportanti li t-tifla tehodhom ghax it-tifla physically u mentally handicapped u minhabba l-ispasms u l-kalmanti dawn il-pilloli mportanti li tehodhom. Kif rat hekk cemplet il-gate u dik li rrispondietha talbitha ggibilha tazza ilma biex taghti l-pills lit-tifla. Lil min newlilha t-tazza ilma saqsietha kif lit-tifla ma tawhiex il-pilloli u din il-persuna qaltilha ghax konna busy. L-ghada cemplilha Joe Gerada u qaltlu b'kollox.

Fl-affidavit taghha fol 94 et ir-rikorrenti tghid li bdiet tahdem Dar il-Kaptan bhala Care Worker fis-sena 2001 u spiccat fis-sena 2015 minhabba li s-Sur Gerada ddecieda li ma iridhiex aktar tkun parti mid-dar. Hija tghid li dakinhar kienu b'Carer nieqsa ghaliex is-Senior Jacqueline Galea Catania nesiet iddahhal Carer ohra. Hija ma cemplitx lis-Senior ghax taf kemm kienet fanatika tal-festa ta' San Guzepp u t-tlieta li kienu ghamlu l-almu taghhom biex imexxu. Hija tghid li Mrs Xuereb marret ghat-tifla fl-10am meta kellha tmur f'nofsinhar u meta l-Carer infurmatha li giet Mrs Xuereb qaltilha biex ma tinsiex taghtiha l-pilloli. Hija tichad li lil Mrs Xuereb qaltilha li ma tridx taghtiha l-kaxxa tal-medicina li jsibuha bhala n-nomad box u dan ghax ilha hemm bizzejjed u taf x'jigri meta jintesew il-pilloli l-home – chaos kbir. Hija tghid li Mrs Xuereb telqet u x'hin waslet fil-karozza ndunat li ma kellhiex n-nomad box u kif taghtha l-kaxxa ndunat li t-tifla kienet ghadha ma nghatatx il-pilloli. Hija tghid li Joe Gerada ghamel frame up kontra taghha biex jehles minnha ghax kienet tikxfu mall-union.
Hija tghid li mhux minnu torqod bil-lejl meta tkun xoghol u torqod biss fil-hin permess biex torqod. Tant li kellhom it-time check sheet biex jiffirmaw ta' kull siegha li jaghmlu u filghodu Gerada kien iccekkja mall-cameras u jqabbel il-hin u hija dejjem very good kien jimmarkalha u qatt ma baghat ghaliha biex jaghtiha warning. Ir-rikorrenti ssemmi hafna istanzi dwar kif kien jahdem Joe Gerada fosthom li l-air condition ma jhallihomx jixgheluh fis-Sajf, jippermetti hamsa u ghoxrin klijent meta d-dar tesa sbatax il-sodda u jraqqadhom fuq bicca soft play u kien jaghmel mezz li dawk li jorqdu fuq bicca soft play mall-art ma jkollhomx l-abilita' li jikkomunikaw verbalment halli ma jmorrux iparlaw li raqdu mall-art. Fix-Xitwa juzaw l-Activity Room ghal private functions li jkunu ghal Gerada jew ghal P.R. li kien hemm u klijenti kienu jkunu stranded go dining room u hafna drabi kienu jkunu aggressivi mall-Carers u ma' klijenti ohra. U fil-gnien kien ikun out of bounds ghall-klijenti minhabba li kien ikun hemm hafna private functions.

Dar il-Kaptan irrinunzjat ghall-kontro-ezami lir-rikorrenti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Fuq talba ta' dan it-Tribunal ir-rikorrenti prezentat l-employment history sheet u l-FS3's taghha ghas-snin 2014 u 2015.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Li t-tifla dahlet ghall-overnight stay bejn it-18 u d-19 ta' Marzu 2015.

Li r-rikorrenti kienet xoghol dak il-lejl u kienu short of staff u ma cemplux lis-Senior jinfurmawha b'dan.

Mill-employment history sheet taghha jirrizulta li r-rikorrenti kienet impjegata mall-Foundation for Respite Care Services mis-27 ta' Dicembru 2005 sal-21 ta' Mejju 2015 u fl-istess perjodu hija kienet taghmel xoghol part-time x'imkien iehor ukoll.
Fl-10.30am tad-19 ta' Marzu 2015 l-omm Mrs Xuereb marret ghat-tifla u meta talbet il-kaxxa tal-pilloli hija tghid li qalulha biex tghaddi ghaliha gurnata ohra. Hija insistiet u taghtihiela r-rikorrenti. Meta marret fil-karozza ndunat li l-medicini li t-tifla tiehu fis-sebgha ta' filghoxu (7am) kienu ghadhom ma tawhomlhiex.
Fit-8 t'April 2015 ir-rikorrenti u z-zewg Carers l-ohra li kienu xoghol maghha jinghataw warning talli ma qalux lill-omm li t-tifla ma tawhiex il-medicina li suppost hadet fis-7am u talli ma cemplux lis-Senior talli kienu short of staff.
Joe Gerada fil-frattemp icempel lil Mrs Xuereb u hija tilmenta mieghu u tghidlu li r-rikorrenti ma taghthiex in-nomad box cioe' l-kaxxa tal-medicini tat-tifla u kien fuq insistenza taghha li taghthielha. U li meta fethitha ndunat li t-tifla ma kienux tawha l-medicina. Huwa wera l-filmat tas-CCTV lil Mrs Xuereb u hija gharfet lir-rikorrenti bhala l-persuna li ma rieditx taghtiha n-nomad box dak il-hin li marret ghat-tifla.
Ir-rikorrenti tappella minn din id-decizjoni li tghid li ma kienx l-obbligu taghha li ccempel lil xi hadd li ma hemmx staff bizzejjed ghax dak huwa xoghol is-Senior; li t-tifla ma kinitx aggressiva; li meta omm it-tifla giet Dar il-Kaptan hija ma kellhiex ghalfejn tinfurmaha li t-tifla kienu ghadhom ma tawhiex il-medicini u dan ghax Mrs Xuereb kienet tinduna malli tiftah in-nomad box.
Fit-13 ta' Mejju 2015 ir-rikorrenti tigi nfurmata li minhabba l-ilmenti li dahlu minn omm it-tifla Josephine Xuereb hija qed tigi sospiza mix-xoghol until further notice u li kellha tidher Dar il-Kaptan fit-18 ta' Mejju 2015 fl-10am.
Fit-18 ta' Mejju 2015 Joseph Gerada jaghmel rapport quddiem il-Bord tad-Diretturi wara li r-rikorrenti nqabdet tigdeb meta sejhilha flimkien mall-Care Workers li kienu xoghol u hija qaltlu li mhux minnu li lil Mrs Xuereb qaltilha hekk izda qalet li kif l-Care Workers l-ohra qalulha li giet Mrs Xuereb hija qaltilhom 'zomm zomm ha naghtiha n-nomad box' mentri mill-filmat tas-CCTV camera Mrs Xuereb identifikat lir-rikorrenti bhala l-persuna li ma riditx taghtiha n-nomad box dak il-hin. Illi skond ir-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina tal-istess gurnata cioe' 18 ta' Mejju 2015 r-rikorrenti baqghet tichad li kellmet lil Mrs Xuereb dakinhar izda meta r-rikorrenti giet konfrontata mill-filmat tas-CCTV fejn tidher hi tkellem lis-Sinjura Xuereb ir-rikorrenti bidlet il-verzjoni taghha u qalet lill-Bord li kieku kellha t-telephone number ta' Mrs Xuereb kienet iccemplilha biex tiskuza ruhha. Il-Bord ikkonkluda li r-rikorrenti ma tistax tkun aktar fdatha u ttermina x-xoghol taghha b'mod immedjat. Ir-rikorrenti kienet assistita mill-Union taghha u minn avukat quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

Josephine Xuereb omm it-tifla tikkonferma ghal aktar minn darba f'dawn il-proceduri, li l-Carer li ma riditx taghtiha n-nomad box kienet ir-rikorrenti.
B' mod generali jidher li f'materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ngliza u dik kontinentali fuq is-suggett:-

(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;

(2) Ir-reazzjoni mill-Principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza mmedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;

(3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;

(4) Ta' mportanza, mbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi komminata mill-Principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mall-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita' tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva. (**Qorti tal-Appell sede inf. Per Imh Sciberras sentenza l-ewwel ta' Marzu 2006 Appell Civili numru 1/2005 fl-ismijiet Charlot Scerri vs St Microelectronics (Malta) limited.**

5. Fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited deciza fit-28 t'April 2017 mill-Qorti tal-Appell sede Inf per Imh Ellul il-Qorti tenniet illi:

   'Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:

   Jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta ħażina;
   ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandiex tagħti lok għat-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.'

Mill-provi jirrizulta li xoghol ta' Carer f'din id-dar huwa xoghol ta' responsabilita' kbira tenut kont li l-klijenti ta' din id-Dar huma persuni b'dizabilita' fizika jew mentali jew fizika u mentali bhal fil-kaz ta' Michelle Xuereb u li dawn il-klijenti jkollhom bzonn medicini specifici li jekk ma johduhomx jista' jkollhom effetti negattivi fuqhom. It-Tribunal jiddispjacih jghid li Dar il-Kaptan ma tarax il-periklu li jista' jkun hemm meta klijent ma jinghatax il-medicini fil-hin li suppost li jehodhom tant li lir-rikorrenti u lil shabha tawhom biss twissija bil-miktub ghaliex ma ghamlux dan. Kien biss l-ilment ta' Mrs Xuereb li r-rikorrenti ma riditx taghtiha l-kaxxa tal-medicini u sussegwentement l-filmat tac-CCTV li giddeb lir-rikorrenti meta qabel

insistiet li ma kinitx hi li kellmet lil Mrs Xuereb li wassal lill-Bord ta' Dixxiplina li jkecci lir-rikorrenti.

It-Tribunal ifakkar li dawn il-klijenti ta' Dar il-Kaptan ma ghandhomx lehen biex jilmentaw u ghaldaqstant Dar il-Kaptan ghandha tassigura li l-klijenti taghha jiehdu l-medicini fil-hin u mhux ma jkun gara xejn jekk ma jaghtuhomlhomx ghax written warning fil-fehma ta' dan it-Tribunal ma kienx bizzejjed ghax li ma taghtiex l-medicini lill-persuni vulnerabbli li ma jistghux jitkelmu li ma hadux il-medicini hija tal-misthija u deplorevoli daqs kemm hi tal-misthija u deplorevoli li l-omm ma tinghatax il-kaxxa tal-medicini ta' bintha ghax l-istaff ikun  busy dak il-hin li giet ghal bintha.

Inoltre Carer f'Dar il-Kaptan ghandha xoghol ta' responsabilita' akbar minhabba l-vulnerabbilita tal-klijenti tal-istess dar u hija r-responsabilita' tad-Dar li tara li dawn il-Carers ma jkollhomx xoghol part-time x'imkien iehor galadarba jahdmu f'Dar il-Kaptan u dan propjament ghax xogholhom f'din id-dar huwa wiehed li wiehed irid joqhgod b'seba' ghajnejn u ma jistax jaghlaq ghajn ghal dak li hemm bzonn isir.

Illi minkejja li l-filming tac-CCTV ma giex prezentat f'dawn l-atti dan it-Tribunal ma ghandu ebda dubju minn dak li xehdet omm Michelle Xuereb u mill-kontenut tar-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina liema kontenut ma giex kontradett mir-rikorrenti meta jsemmi li l-filmat gie muri lir-rikorrenti u r-reazzjoni taghha meta ndunat li nqabdet f'gidba. U ghaldaqstant l-imgieba hazina tar-rikorrenti tirrizulta kif jirrizulta li tali mgieba hija wahda serja hafna tenut kont li l-klijenti ta' din id-dar huma kollha persuni b'dizabilita' u l-genituri ta' dawn il-klijenti jrid ikollhom mohhom mistrieh li uliedhom qed jinghatawlhom il-medicini u li meta jmorru jigbru lura lil uliedhom irid ikollhom kollox lest x'jiehdu maghhom lura d-dar inkluz l-kaxxa tal-medicini ta' uliedhom. Dan it-Tribunal jiddispjacih jghid li r-rikorrenti minkejja hafna snin ta' esperjenza baqghet ma fehmitx l-importanza tieghu meta fl-appell taghha lill-Bord hija tat bhala raguni l-fatt li billi ma jaghtux l-medicina fil-hin ma jkun gara xejn il-genituri jew min imur biex jigbor lill-klijenti kien jinduna mill-kaxxa tal-medicini. F'dan il-kaz il-hazin kien doppju kemm ghax il-medicina ma nghatax fil-hin u kif ukoll ghax il-kaxxa tal-medicini ma nghatax meta l-omm giet tigbor lil bintha minn Dar il-Kaptan.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal qed jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet tkeccija gusta u qed jichad it-talbiet tar-rikorrenti.

It-Tribunal qed jordna li kopja tad-decizjoni tintbaghat lill-Ministru responsabbli mill-persuni b'dizabilita' l-Ministru Julia Farrugia Portelli.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Anna Mallia LL.D.**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**